

# Anniversarji fl-2013

*Kitba ta' John L. Bonnici*

Nisthajjel min jistaqsi: "Għadna fl-2012, dan x'ħolom bis-sena d-dieħla?" U jiena nwieġeb li hemm raġuni għall-isem ta' dan l-artiklu.

Hija ħaġa minn ewl id-dinja li, biex xi ħadd ikun se jorganizza xi okkażjoni speċjali, ngħidu aħna tieġ, dramm, film, festa ta' raħal, eċċ, irid ta' bilfors jipprepara l-affarijiet minn qabel.

Għalhekk hemm bżonn li nħejju ruħna għall-anniversarji li rridu niċċelebraw fl-2013.

## *l-ewwel Anniversarju*

Meta nsemmu li Ġużè Muscat Azzopardi hemm min jistaqsik: "Dan min hu?" Issib oħrajn jgħidulek li xi nies isejħulu "Missier il-Letteratura Maltija." Hemm oħrajn li jsemmu xi rumanz li kiteb, ngħidu aħna "Toni Bajada" jew "Nazju Ellul". Xi ħadd forsi jgħidlek li jaf li hemm xi triq imsemmija għalih imma ma jafx min kien tassew.

Hawn ta' min jistaqsi "Imma s-sena 2013 x'għandha speċjali biex infakkruh?" Tweġiba ħafifa. Fl-2013, Ġużè Muscat Azzopardi jagħlaq mija u sittin sena minn twelidu.

Ġużè Muscat Azzopardi, bin Francesco u Ġenerosa, imwielda Azzopardi, twieled Ħal Qormi nhar l-1 ta' Settembru tal-1853. Tgħallem fis-Seminarju tal-Imdina u wera kapaċità kbira fiż-żewġ ilsna importanti għal dak iż-żmien, jiġifieri l-Latin u t-Taljan. Il-formazzjoni li ħa fis-Seminarju xettlet fih is-sejħa għas-saċerdozju imma ma kompliex. Ta' tnejn u għoxrin sena, fl-1875, laħaq Prokuratur Legali.

Kellu talent għall-ġurnaliżmu. Fil-fatt, tul ħajtu kien kontributur regolari u editur ta' ġurnal u rivisti li kienu jinkludu "Id-Dawl", "In-Naħla", "Il-Habib" u "Il-Malti".

Għamel żmien twil jitkeb bit-Taljan, imma meta għaraf is-siwi tal-kitba bil-Malti u x-xewqa li jgħallem lill-poplu, ħa deċiżjoni li kellha effett kbir fuq il-letteratura Maltija. Dan il-pass, jiġifieri li jibda jikteb bil-Malti, kien,



tista' tgħid, rivoluzzjonarju, għaliex dak iż-żmien ilsien art twelidna ma kienx igawdi l-istima tan-nies tal-iskola u tal-klassi għolja. Dawn kienu jqisu l-Malti bħala xi ħaġa li ma kienx fiha x'wieħed jinvesti fiha, u għalhekk, kienu jitkellmu u jiktbu bit-Taljan. Għalhekk, meta Muscat Azzopardi ħa din id-deċiżjoni, kien qisu bniedem qiegħed jgħum kontra l-mewġ.

Niftakar fi storja li smajt mingħand wieħed qarib tiegħi. Bniedem prominenti li, fi żmienu kien jokkupa kariga importanti f'pajjiżna, kien qal hekk fuq Muscat Azzopardi: "Kieku ma twebbilx li jikteb bil-Malti u jħalli t-Taljan, seta' mexa iktar 'l quddiem fil-karriera tiegħu."

Fl-1911, Muscat Azzopardi kien ħajjar lil Dun Karm Psaila, dak iż-żmien kittieb ta' poeżiji bit-Taljan, biex beda jikteb bil-Malti. Qabel Dun Karm, Ġużè kien diġà ħajjar lill-Professur Napuljun Tagliaferro jibda jikteb bil-Malti huwa wkoll. Tagliaferro kien ħajjar lill-Professur Anastasju Cuschieri, Patri Karmelitan, li għex bejn l-1876 u l-1962 u li kiteb ħafna poeżiji fosthom "Sajjied ta' Xewqtu" u li tibda hekk:

*"Kemm nixtieq kellu ġewlaq sabiħ*
*U xlief u qasba għall-ħut tal-qiegħ."*

Meta ra hekk, Dun Karm beda jikteb bil-Malti. Għalhekk nistgħu ngħidu li kieku ma kienx Ġużè Muscat Azzopardi, ma kienx ikollna l-Innu Malti.

Fost il-karigi li okkupa insibu li kien President tal-'Unione Cattolica San Giuseppe', President tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali, eżaminatur tat-Taljan fl-Università ta' Malta u fis-Seminarju, u kien l-ewwel President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti).



*Il-membri tal-Fondazzjoni Ġ.M. Azzopardi flimkien mal-iskultur Alfred Camilleri Cauchi*

Muscat Azzopardi miet fl-4 ta' Awwissu, 1927. Ftit tas-snin ilu, fl-1993, kien inkixef monument lil dan il-persunaġġ Qormi. Kienet tassew ħaġa ta' mistħija li dan il-monument ġie vandalizzat.

Għalhekk tkun ħaġa xierqa li l-Kunsill Lokali jagħmel minn kollox sabiex dan il-monument jerġa' jiġi fl-istat oriġinali tiegħu. Dan jista' jsir billi l-Kunsill jinsisti mal-artist, jiġifieri l-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi, biex ix-xogħlijiet meħtieġa jkunu lesti sa qabel Settembru tas-sena d-dieħla.

Tkun ħaġa ta' min ifaħħarha li minn din is-sena, l-Kunsill Lokali jħajjar lis-Soċjetajiet Ċivili Qriema biex kull waħda minnhom tqiegħed bukkett jew kuruna tal-fjuri f'riġlejn dan il-monument nhar l-1 ta' Settembru.

## *It-Tieni Anniversarju*

Kull min jifli l-faċċata tal-palk prinċipali li jintrama fil-festa, għandu jara plakka tar-ram li tfakkar li fuq dan il-palk saret l-inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna tas-Saħħa fl-1948. jiġifieri ħamsa u sittin sena ilu.

Ftit tas-snin ilu, kont kellimt lill-mejjet u mibki Patri Alessandu Bonnici, Patri Franġiskan Konventwali. Dan il-patri kien tani xi dettalji imma miet ħesrem qabel ma stajt nerġa' nkellmu. Dan l-aħħar iltqajt ma' Patri Eugene Theuma, patri tal-istess Ordni, u forsi mid-dokumenti li hemm fil-kunvent ta' dawn il-patrijiet fir-Rabat, inkunu nistgħu nisiltu l-istorja ta' din il-ġrajja.

Tkun ħaġa xierqa li din il-ġrajja tkun mfakkra billi ssir xi akkademja sabiex in-nies, l-aktar dawk żgħażagħ, isiru jafu iktar dwar din il-ġrajja hekk importanti fl-istorja tal-Kumitat Festi Esterni.

## *It-Tielet Anniversaju*

Min hu tal-età tiegħi jaf li fl-1953 il-parroċċa tagħna ġiet elevata għat-titolu ta' Knisja Arċipretali. Dik is-sena konna ċċelebrajna ċ-ċinkwantinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ b'ċelebrazzjonijiet kbar.

Biss, hija ħasra li din il-ġrajja hekk importanti fil-ħajja tal-parroċċa tagħna ma hija mfakkra mkien. Ta' min jgħid li missirijietna kienu mimlijin ħeġġa iktar minna meta fakkru t-tkabbir tal-ewwel knisja parrokkjali fl-1456. Din it-tifkira, li hija waħda mill-ftit jekk mhux l-unika waħda, imnaqqxa bi stil gotiku fil-għejjer Maltin, tinsab ħdejn il-fonti tal-ilma mbierek qrib l-artal ta' San Tumas. Din il-lapida tista' tiġi aktar apprezzata jekk kulħadd jista' bla tfixkil tul is-sena kollha jaraha.

Għalhekk hemm lapida oħra li tfakkar il-konsagrazzjoni tal-knisja u li tinsab faċċata tal-pulptu, jonqos tnejn oħra li waħda minnhom tfakkar dak li ġara fl-1953.

## *Ir-Raba' Anniversarju*

Fl-2011, il-Kumpanija Drammatika Anici fakkret u ċċelebrat il-75 sena mit-



X. 65076
"IL BAR - MAID ,, l'ewwel parti-duett cantant minn Giovanni u Gigia Xicluna accumpanjati bil chitarri minn missierhom u minn Carmenu Cardona.
"IL BAR - MAID ,, it-tieni parti.

**RAFEL MUSCAT**
**COLINU GRIMA**

**Rafel Muscat:** — *Comicu Malti mgharuf fl'arti Maltija tal palc u compositur tal musica u cliem comicu. Interpreti speciali ghad-discors ciar li ghamel fid-dischi tighu.*

X. 65057
"LA MORNA, MORNA ,, parlant comicu minn Rafel Muscat accumpanjat minn Mandulini u Chitarri.
"GIO LUCANDA ,, parlant duett cantat minn Colinu Grima u Rafel Muscat accumapanjati minn Mandulini u Chitarri.

— 5 —

**NETTU CALLEJA**

**Nettu Calleja:** — *Comicu Malti mgharuf bhala ghannej u ihabbel ghana tad-dahk. Il cliem ta dana il-disk hua tad-dahk u accumpanjat bil chitarra minnu stess.*

X. 65085
"NAMRAT KALGHA XEBGHA ,, l'ewwel parti-cantant minn *Nettu Calleja* u accumpanjat bil chitarra minnu stess.
"NAMRAT KALGHA XEBGHA,, it-tieni parti-cantant minn Nettu Calleja.

— 6 —

twaqqif tagħha. Imma fl-2013 Rafel Muscat, wieħed mill-fundaturi u l-ewwel direttur tagħha jagħlaq 125 sena minn twelidu u 65 sena minn mewtu.

Barra mill-imħabba li kellu għall-arti drammatika, Muscat kien wieħed mill-ewlenin li rrekordja kanzunetti fis-snin tletin tas-seklu li għadda flimkien mal-komiku Nikol (magħruf bħala Kolinu) Grima.

Kienu dehru fi ktejjeb li kienet ħarġet id-Ditta Carabott tad-diski. Din id-Ditta kellha ħanut tad-diski u ta' strumenti mużikali fi Triq Merkanti, il-Belt, illum m'għadhiex teżisiti.

Għalhekk jixraq li dan il-persunaġġ jiġi mfakkar biex il-memorja tiegħu ma tintesiex. Dan jista' jsir billi l-Banda San Ġorġ Martri, li tagħha kien membru, toħroġ CD tal-marċi tiegħu.

## *Għeluq*

Dawn huma xi ftit mill-anniversarji li naħseb li għandna niċċelebraw is-sena d-dieħla. Biss jekk hemm xi ħadd li jaħseb li hemm xi anniversarji li jixirqilhom ikunu mfakkra s-sena d-dieħla, huwa mħeġġeġ li jikteb dwarhom.